MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 1076/2010

**Artikolu 82A u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**ANTOINE AGIUS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTOINE AGIUS** ta' 27 sena, iben Emanuel u Anna xebba Cassar, imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Jannar, 1983, residenti gewwa l-fond Blk 1, Flat 4, Hubbard Flats, Triq Alessandra, Cospicua u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 64883(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Nhar is-7 t'Ottubru 2010, ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghodu, f'dawn il-gzejjer u cioe' gewwa Triq il-Wied, Msida, uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbuziv jew insolenti, jew xort'ohra gab ruhu b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk iqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk johloq il-probabilita'

li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, liema reat hu aggravat ai termini tal-Artikolu 83B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U finalment akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Yanika Bugeja, ingurji jew theddid, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. JM 1 a fol 6, il-fedina penali tal-imputat immarkat bhala Dok. JM 2 a fol. 7 u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Ottubru, 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. JM 3 a fol. 8.

Illi nhar il-5 ta' Novembru, 2010 xehed **PC 104 Raymond Caruana** u spjega illi fis-7 ta' Ottubru tas-sena kurrenti 2010, u dana ghall-habta tal-9.50am, hu kien qieghed l-Ghassa tal-Imsida, marret certa Yanika Marie Bugeja u ukoll maghha mar certu Tesfamariam Teklay Deres flimkien ma' martu Semhar Fshaye Gerezgher u certu Anthony Vella flimkien mal-imputat Antoine Agius li huwa gharfu prezenti fl-Awla. Dawk in-nies marru kollha flimkien.

Yanika Bugeja nfurmatu li hija Avukat, u qaltlu illi hija kienet fuq xarabank misjuqa minn Antoine Agius u fuqha rikbu ukoll zewg (2)

persuni ta' karnagjon skuri li kellhom maghhom tarbija f'*pushchair* (liema zewg persuni hadithom akkumpanjati maghha fl-ghassa). Irraporta li meta Antoine Agius li kien fl-ghassa tal-pulizija dak il-hin ta’ hekk u cioe’ li l-Avukatessa kienet qieghda tirrakkontalu kollox, qallu li peress huwa kellu n-nies fix-xarabank, kellu jkompli bil-vjagg bix-xarabank. Hu qallu li kif huwa jlesti mill-venda jmur lura l-ghassa.

Xtaq jghid illi l-Avukatessa Bugeja lilu kienet ziedet tghidlu li hekk kif dawk iz-zewg (2) persuni li kienu ta' karnagjon skur flimkien mat-tarbija taghhom kienu telghu fix-xarabank misjuqa mill-imputat, l-imputat bl-ingliz qalilhom *'go, catch another bus'*. Pero' dawk iz-zewg (2) persuni li kienu ta' karnagjon skur jew ma fehmuhx jew ghal xi raguni jew ohra xorta baqghu telghin gewwa x-xarabank. Ir-ragel ta' karnagjon skur ghadda karta ta' hames Euros (€5) lix-xufier u spjegat li x-xufier imbaghad saqsa lil dak ir-ragel ta' karnagjon skur jekk kellux bqija zghar. Milli deher dak ir-ragel ta' karnagjon skur ma fehemx lix-xufier.

Skond Dr. Yanika Bugeja huwa sabbat il-bqija f'idejn dak ir-ragel ta' karnagjon skur. Xtaq jghid li dak ir-ragel ta' karnagjon skur u dak skond dejjem x'qaltlu Dr. Bugeja mar bilqieghda fuq *seat* li kien qieghed wara x-xufier u peress li kien hemm mara li kienet qieghda bilwieqfa, l-imputat qal lil dak ir-ragel ta' karnagjon skur biex iqum halli toqghod dik il-mara. Dr. Bugeja qaltlu li seta' l-imputat kien

qieghed jirreferi ghall-mara ta' karnagjon skur li telghet ma' zewgha fuq ix-xarabank bhala l-mara biex ir-ragel iqumilha. Xtaq jghid ukoll li skond ma qaltlu Dr. Yanika x-xufier beda jghid lil dan ir-ragel ta' karnagjon skur li kien qieghed wara s-*seat* tax-xufier *'do not touch my seat'*. Dr. Bugeja ziedet tghid li malli rat dik l-attitudni tax-xufier qabdet u ddecidiet li tinzel mix-xarabank, nizlet mix-xarabank l-Imsida u l-probabilita' kienet li hi ltaqghet ma' xi pulizija tat-traffiku li dak taha parir li tmur taghmel rapport l-Ghassa tal-Imsida.

Xtaq jghid li hu mbaghad anke kellem lill-imputat, l-imputat ma kienx ammetta li dik il-bqija kien tahielu bl-addocc u qal li dak ir-ragel ta' karnagjon skur ma kienx messlu s-*seat* b'mod agressiv. Huwa prezenta l-okkorrenza li dahhalha hu u giet minnu ffirmata u esebita u mmarkata bhala Dok. RCP 1.

Illi nhar il-5 ta’ Novembru, 2010 xehed l-**Ispettur Jesmond Micallef** u spjega illi fis-7 ta’ Ottubru, tas-sena 2010, il-Pulizija kien dahlilha rapport illi in kwantu ghal fuq karozza tal-linja bin-numru hamsa u hamsin (55) li ggib in-numru ta’ registrazzjoni DBY-401, kienu saru xi nsulti minn naha tax-xufier tal-linja mis-Sur Antoine Agius li gharfu bhala prezenti fl-Awla fil-konfront ta’ persuna ta’ karnagjon skur. Sussegwentement u cioe’ fid-19 ta’ Ottubru tas-sena 2010 hu kien baghat ghal Antoine Agius gewwa l-Ghassa ta’ Tas-Sliema u hu f’din id-data cioe’ tad-19 ta’ Ottubru, tas-sena 2010, wara li kien ta twissija skond il-ligi lill-istess Antoine Agius li gharfu bhala prezenti

fl-Awla, huwa rrilaxxa stqarrija u dan irrilaxxaha b'mod volontarju. Gharaf l-firma tieghu, dik ta' PC1510 kif ukoll tal-imputat Antoine Agius li ghazel li jiffirma dik l-istqarrija u dawk il-firem gharafhom kull fejn deheru f'dik l-istqarrija li giet esebita u mmarkata bhala Dok. JM 4.

Il-verzjoni li tah l-imputat kienet li ghall-habta tad-8.45am l-imputat kien qieghed isuq ix-xarabank u illi dina kien spicca mwahhal fit-traffiku fejn ir-*round about* tal-Imsida u hekk kif wasal hdejn l-istage ta' Ghajn il-Hasselin, fuq dak l-istage kien hemm familja ta' karnagjon skur u li peress li tal-linja kienet wieqfa fit-traffiku dawk ippruvaw jitilghu fuq ix-xarabank tieghu. L-imputat peress illi ra l-mara ta' karnagjon skur kellha tarbija f'idejha u kien jaf li warajh kienet gejja tal-linja ohra ghax kien ghadu kif qabizha u kienet se tghaddi minn hemmhekk, bl-ingliz qalilhom titilghux ghax gejja xarabank ohra u dan qalilhom hekk minhabba t-tarbija. Dana tenut kont il-fatt illi x-xarabank li kien qieghed isuq l-imputat kienet *full up*. Deher illi dik il-familja telghet xorta wahda, illi l-imputat zied jghidlu illi r-ragel ta' karnagjon skur mar fuqu b'karta ta' hames Euros (€5) filwaqt illi s-sinjura ta' karnagjon skur mart dak ir-ragel li ppresenta dawk il-hames Euros (€5) kif ukoll mat-tarbija taghhom, qamitilhom mara u qaghdu bilqieghda flokha u dak irrefera allura ghall-mara ta' karnagjon skur u t-tarbija. L-imputat kien ta l-bqija lil dan ir-ragel ta' karnagjon skur u peress illi x-xarabank kienet *full up*, dak ir-ragel ta' karnagjon skur qaghad bilwieqfa jzomm mas-*seat* tax-xufier. Spjega li dana beda jcaqalqu u dana rritah. Qal li

mbaghad l-imputat beda jghid lil dak ir-ragel ta' karnagjon skur biex jersaq lura pero' deher li dak ir-ragel barrani ma bediex jifhmu. Minhabba li l-imputat baqa' jippersisti biex dana r-ragel ta' karnagjon skur biex jersaq lura, kien hemm mara fuq ix-xarabank li jisimha Dr. Yanika Bugeja u qalet lix-xufier biex ma jittrattax lil dawk il-persuni bil-mod kif kien qieghed jittrattahom.

Deher illi skond l-imputat imbaghad kien hemm battibekk fis-sens ta' kliem bejnu u bejn dina l-Avukat Bugeja u kif resqu aktar lejn ir-*round about* tal-Imsida fejn hemm il-*lights*, l-imputat lilu qallu li huwa kien waqqaf ix-xarabank biex jinzel u jkellem lill-Pulizija li kien hemm mat-*traffic lights*. Qal illi dawna l-persuni ta' karnagjon skur u anki l-Avukat nizlu minn fuq ix-xarabank u lkoll flimkien dan skond struzzjonijiet tal-Pulizija li kienu mal-*lights*, marru jghamlu rapport l-Ghassa tal-Imsida.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami kkonferma li l-Avukat Dr. John Vassallo dakinhar tal-istqarrija u cioe' tad-19 ta' Ottubru, 2010, kien cempillu u kien qallu illi hu kien qieghed jigi awtorizzat biex jehodlu l-istqarrija minghajr l-presenza tal-Avukat pero' xtaq jghid ukoll illi l-imputat kien diga' ikkonsulta ma' Dr. John Vassallo.

Illi nhar il-5 ta' Novembru, 2010, xehdet **Dr. Yanika Bugeja LL.D.** u spjegat illi in kwantu ghad-data tal-incident li ser tixhed dwaru, id-data hi mijiex certa. Spjegat illi hi kienet qieghda fuq tal-linja,

xarabank rotta numru hamsa u hamsin (55) u kienet qieghda bilqieghda fuq in-naha ta' quddiem tax-xarabank. Kif ix-xarabank waslet vicin tal-Ghajn tal-Hasselin, telghet mara b'tarbija f'idejha u ragel, dawk kollha ta' karnagjon skur. Spjegat illi tax-xarabank lil din il-mara qalilha ahjar taqbad xarabank ohra u hi fehmitu li qalilha hekk ghaliex dina x-xarabank kienet mimlija tant li kien hemm diga' in-nies bilwieqfa. Ix-xufier kellem lil din il-mara bl-Ingliz. Spjegat illi x-xufier gharfitu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u qalet pero' li dik il-mara ma dehritx illi donnu fehmet x'qalilha x-xufier u telghet xorta fix-xarabank bit-tarbija u tela' ir-ragel li kien maghha.

Imbaghad mara li kienet qieghda hdejhom qamet lil din il-mara ta' karnagjon skur li kellha tarbija biex tpoggi flokha u spjegat illi r-ragel li kien qieghed ma' dik il-mara ta' karnagjon skur mar hdejn ix-xufier u bhala hlas tah karta ta' hames Euros (€5) u dak il-hin ix-xufier beda jgerger minhabba li dan tah karta ta' *five* Euros (€5). Spjegat illi mbaghad ix-xufier beda jghodd il-bqija u b'mod naqra la salvagga qabad l-bqija u tahom f'idejn dak ir-ragel ta' karnagjon skur. Dak fis-sens illi x-xufier il-bqija sabbatha f'idejn dan ir-ragel ta' karnagjon skur.

Spjegat illi dak ir-ragel ta' karnagjon skur kellu *puschair* f'idejh u n-nies li kienu f'dik iz-zona minn jeddhom resqulu biex huwa ikun jista' jpoggi bilqieghda u qalet li mal-genb ta' fejn is-*seat* fejn ikun hemm ix-xufier ikun hemm *seat* fejn jistghu joqghodu n-nies fuq ix-

xarabank u dak ir-ragel ta’ karnagjon skur mar qaghad bilqieghda hdejha. Spjegat li dak il-hin imbaghad b’ton ta’ ghajjat l-imputat qal lil dak ir-ragel ta’ karnagjon skur qallu ‘*wake up for the lady*’.

Xtaqet tghid li hi peress li kien hemm mara bilwieqfa hasbet illi x-xufier kien qieghed jaghmel referenza ghal dik il-mara. Imbaghad dak ir-ragel ta’ karnagjon skur qam pero’ dik il-mara qalet lix-xufier li dalwaqt kienet se tinzel, allura ma riditx toqghod bilqieghda u ghaldaqstant ir-ragel ta’ karnagjon skur rega’ pogga bilqieghda u kellu l-*pushchair* dana r-ragel ta’ karnagjon skur li kienet qieghda sserrah mal-parti fejn hemm il-*gear lever* tax-xarabank u spjegat illi hin minnhom imbaghad ix-xufier b’certu salvagizmu qabad dika l-*puschair* u ressaqha. Imbaghad ghal xi raguni li ma tafx x’kienet dana r-ragel ta’ karnagjon skur qam u ghamel sinjal lil dik il-mara li kienet bilwieqfa biex tpoggi bilqieghda. Dik il-mara poggiet bilqieghda u huwa mar wara s-*seat* tad-*driver* bil-*puschair* f’idejh u spjegat li dak il-hin ix-xufier wera li kien imdejjaq ghaliex lil dak ir-ragel qallu ‘*no don’t touch my seat*’. Xtaqet tghid illi kif kienet qieghda pozizzjonata hija ma seghtetx tghid jekk kemm il-darba dak ir-ragel ta’ karnagjon skur kien qieghed imiss is-*seat* tax-xufier jew le. Hija hasset li dak il-hin illi l-attegjament tax-xufier verso dak ir-ragel ta’ karnagjon skur kien daqsxejn agressiv. Spjegat illi huma kienu qeghdin weqfin minhabba l-*lights* u hi semghet lix-xufier jghid lil dak ir-ragel ta’ karnagjon skur ‘*inti biex tifhem bil-Malti jew bl-Ingliz’* pero’ dak ir-ragel ma ghamel l-ebda sinjal ghax hi assumiet li lanqas kien qieghed jifhem. Spjegat li kien l-imputat li meta telghu

dawk il-persuni fuq ix-xarabank kien waqaf hu fuq l-istage biex dawk in-nies jitilghu.

Xtaqet terga' tmur  lura ghal dak li kien qieghed jigri fix-xarabank, wara li r-ragel ta' karnagjon skur kien mar wara s-*seat* tal-imputat u l-imputat kien kellmu biex ma jmisslux is-*seat*, l-imputat beda jghid lil dak ir-ragel ta' karnagjon skur biex dak imur lejn in-naha ta' wara gox-xarabank. Dak ir-ragel ta karnagjon skur ma marx ghax zgur ma kienx qieghed jifhem x'qieghed jghidlu l-imputat apparti l-fatt illi kienet naqra skomda li dak ir-ragel imur bil-*pushchair* f'idejh fil-passagg tax-xarabank fejn kien hemm in-nies bilwieqfa. Hin minnhom imbaghad meta x-xarabank kienet qieghda wieqfa, ix-xufier qam bilwieqfa u gibed lil dak ir-ragel ta' karnagjon skur iktar lil hemm minnu. Fil-fatt spjegat li ghamel ix-xufier kien, li mbotta lil dak ir-ragel minn drieghu.

Hija mbaghad lil min kien qieghed warajha qaltilhom ha ncempel u naghmel rapport l-ghassa ghal dak li rajtu qieghed jigri. Spjegat illi x-xufier baqa' jghajjat u hija qalet ahjar inqum u nghidlu xi haga u hi fil-fatt lix-xufier qaltlu ieqaf ghax se naghmel rapport id-Depot. Imbaghad ix-xufier beda jghajjat maghha. Qalilha biex hija ma tindahalx, qaltlu li hi tindahal ghax in-nies ma jigux trattati hekk. Imbaghad ix-xufier qalilha issa taghmlu rapport l-ghassa. Hija qaltlu iva ha ncempel u naghmel rapport l-ghassa. Imbaghad qalilha ma

jimpurtax immorru l-Qorti. Hija qaltlu li hi ma tibzax mill-Qorti ghax tahdem hemmhekk.

Imbaghad spjegat kemm hi u kemm ix-xufier spiccaw jghajtu fil-konfront ta’ xulxin. Hija hin minnhom imbaghad lix-xufier qaltlu n-nies ma tittrattahomx ta’ zibel. Imbaghad ix-xufier ipponta subajh lejn dak ir-ragel ta’ karnagjon skur u x-xufier qalilha, *iva dawk zibel*. Nghid dak il-kliem ix-xufier qalu meta kien qieghed jipponta subajh lejn dak ir-ragel ta’ karnagjon skur. Imbaghad ix-xufier lilha qalilha li hi qieghda titkessah ghax hija mara. Spjegat illi mbaghad ix-xufier waqqaf ix-xarabank, nizel mix-xarabank u mar ikellem Pulizija li kien hemm fejn il-*lights*. Fil-fatt dak il-Pulizija kien qieghed jirregola t-*traffic lights*.

Xtaqet tghid illi qabel ma x-xufier nizel mix-xarabank lilha qalilha biex hija tinzel mix-xarabank u qabel hi tinzel mix-xarabank huwa ma kienx sejjer isuq. Lix-xufier qaltlu li mhiex se tinzel u waqfet titkellem daqshekk ghax imbaghad bdiet tiddejjaq. Spjegat illi mbaghad ix-xufier nizel ikellem lill-Pulizija u hija nizlet ukoll. Il-Pulizija tat-traffiku qalilhom biex huma jmorru jaghmlu rapport l-ghassa. Spjegat li maghha nizlu dik il-koppja bit-tarbija u nizel ukoll ragel iehor li ma tafx min kien. Ilkoll marru l-ghassa u xtaqet tghid illi sadanittant ix-xufier kien baqa’ jsuq pero’ imbaghad waqaf hdejn l-ghassa u dahal ukoll l-ghassa. Spjegat illi x’hin dahal l-ghassa l-imputat beda jghajjat u beda jipponta subajh lejn wiccha u kien

hemm zewg (2) Pulizija li waqqfuh u lilu qalulu biex hu jmur ikompli jaghmel xogholu ghax ma setghax iwaqqaf ir-rotta. Hija mbaghad ghamlet ir-rapport lill-Pulizija u telqet. Ftit wara cemplilha Pulizija u qalilha li l-imputat kien skuza ruhu. Spjegat illi lilha ndirettament l-imputat ma kien ghamlilha xejn.

Hija lill-Pulizija kienet qaltlu li hija kienet lesta li tahfirlu u spjegat illi hija fil-fatt dak li kienet ratu jaghmel hazin l-imputat kien l-attegjament tieghu lejn dawk il-persuni ta’ karnagjon skur li ma kienux jimmeritaw dak it-trattament.

Xtaqet tghid illi f’dak l-istadju hi kienet qed tahfer lill-imputat u kienet ukoll qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Illi nhar l-10 ta' Lulju, 2012 xehdet **Dr. Yanika Bugeja** mistoqsija mid-difiza li hija kienet ikkonfermat meta xehdet quddiem il-Magistrat illi dakinhar meta x-xarabank kienet waslet hejn ir-*roundabout* tal-Imsida u allura ftit qabel telghet il-parti lesa, il-mara u l-mara kellha t-tarbija l-karozza kienet mimlija hija wiegbet li dehrilha iva. Giet mistoqsija li kienet mimlija bin-nies tant illi ukoll ikkonfermat hija illi kien hemm diversi nies bil-wieqfa wiegbet iva. Id-difiza staqsietha allura dak il-hin illi l-imputat meta rahom se jitilghu xorta wahda fuq il-*bus* qallhom: *please catch another bus*, hija dak id-diskors semghatux wiegbet li hija taf li waqaf u huma

telghu, imbaghad rat li kienet mimlija, u  issa ghadda ftit taz-zmien ma tiftakarx bl-ezatt jekk qalilhomx *catch*, dehrilha ehe, dehrilha li qalilhom biex jaqbdu tal-linja ohra. Regghet mistoqsija jekk ix-xufier hux vera qallhom: *pleases catch another bus* wiegbet li dehrilha li iva pero' ma kinitx certa ghaliex ghadda ftit taz-zmien issa. Id-difiza qalet li naturalment kienet xi haga ragonevoli fic-cirkostanzi tenut kont li l-mara kellha tarbija hux vera? Hija qalet li tiftakar zgur li beda jghidilhom biex imorru lura. Id-difiza qaltilha li qabel dak il-hin li qalilhom: *please catch another bus* hija qalet li dehrilha li kien qalilhom xi haga hekk iva, pero' kienu telghu iktar nies maghhom. Mistoqsija jekk telghux xorta wahda huma x-xhud qalet li telghu ma' nies ohra iva. Ix-xhud giet murija dokument u giet mistoqsija jekk tikkonfermax dak id-dokument bhala ntervista li hija rrilaxxat fl-10 ta' Ottubru, elfejn u ghaxra (2010) lit-Times of Malta u dik mill-*website* tal-gurnal u hija wiegbet li mhux se toqghod taqraha kollha imma iva tikkonferma. Id-difiza qalet li naturalment imbaghad hemm il-kummenti *on line*. Dak id-dokument giet esebit bhala Dok. YA1.

Mistoqsija fuq inizjattiva ta' min ittiehdet dik l-istqarrija wiegbet li dehrilha li kien cemplilha Christian Perigin kien ghaddej dak il-hin bil-karozza u raha u ddobba n-numru taghha minghand kollega taghha u cemplilha u hi accettat. Hija qalet li dak kien dakinhar stess. Id-difiza qalet li hija kkummentat ukoll fix-xhieda taghha illi setghet tara illi l-*pushchair* bit-tarbija kien qed jaghfas man-naha tal-*gear lever* tal-karozza, ix-xhud spjegat li il-*pushchair* u t-tarbija

kienu f'zewg (2) postijiet differenti. It-tarbija kienet fuq l-omm u l-*pushchair* kienet f'idejn ir-ragel. Mistoqsija jekk il-*pushchair* kienx ghalih hija wiegbet li kien maghluq. Hija spjegat li l-passigier kien lahaq mexa lura, hu beda jghidlu biex imur, jigifieri l-imputat beda jghidlu biex jersaq iktar lura terga', kien qed isib diffikulta' ghaliex kellu l-*pushchair* f'idejh. Taf li pero' kien hemm mara qamitlu. Id-difiza staqsiet jekk il-*pushchair* kienx qed jikkrea diffikulta' ix-xhud qalet li ma dehriliex.

Id-difiza staqsiet fejn ezatt thalla l-*pushchair*? Fejn tqieghed? Ix-xhud spjegat li hu u tiela' kien qieghed f'idejh u naturalment ehe dak il-hin kien qed jippressa man-naha tal-*gear leaver*, imma mbaghad lahaq mexa ftit lura. Pero' waqt li hu kien tiela' ma kienx qieghed isuq. Waqt li l-passiggier kien tiela' ma kienx qieghed isuq. Mistoqsija jekk hi fehmitx il-*pushchair* kien qed johloq diffikulta' dak il-hin hija qalet li ma fehmitx hekk le. Hija spjegat li kienet fuq quddiem mhux hazin prattikament quddiem nett pero' ma tafx jekk hux l-ewwel *seat* jew it-tieni *seat* imma x'imkien hemmhekk.

Illi nhar il-5 ta' Novembru, 2010 xehed **Antoine Vella** u spjega li fil-bidu ta' Ottubru u jaf li kienet il-gurnata tal-Hamis, huwa rikeb xarabank minn Birkirkara ghad-direzzjoni tal-Belt. Meta waslu fil-Wied tal-Msida hu kien qieghed bilqieghda fin-nofs tal-karozza. Hin minnhom imbaghad telghet familja mara u ragel u tarbija f'idejn il-mara b'ragel kellu *puschair* u kienu persuni Afrikani ta' karnagjon

skur. Huwa sema' lix-xufier jghid bl-Ingliz lil dawk in-nies '*no with the baby, take another bus*'. Spejga illi huwa dak ix-xufier ma kienx qed jaghrfu prezenti fl-Awla u spejga illi lanqas huwa l-persuna li huwa kien qed josserva kien wahdu fin-nofs ta' bank. Fuq domanda li saritlu mill-Prosekuzzjoni jekk kemm-il darba fil-fatt dik il-persuna li kienet wahdiha f'nofs tal-bank kinitx dak ix-xufier, qal illi le dik ma kinitx dik il-persuna, fil-fatt il-persuna li kien ix-xufier kien iktar irqiq u aktar avvanzat fl-eta'. Huwa spjega illi fil-fatt jeskludi li kien dik il-persuna li kienet wahidha f'nofs il-bank li huwa gie nfurmat li huwa l-imputat prezenti fl-Awla illi kienet il-persuna li kien ix-xufier f'dik l-istanza li kien qed jixhed dwarha dakinhar. Jaf li dik il-koppja ta' nies Afrikani mbaghad poggew bilqieghda fuq ix-xarabank.

Jaf illi pero' li dawk ma poggewx hdejn xulxin. Spjega illi r-ragel mar ipoggi hdejn ix-xufier. Spjega li wara x-xufier kien hemm mara Maltija bilwieqfa u hin minnhom sema' lix-xufier jghid lil dak ir-ragel Afrikan '*wake up wake up'* fis-sens biex dak iqum bilwieqfa halli tkun tista' toqghod bilqieghda l-mara Maltija u qal pero' dak il-persuna ta' karnagjon skura qisu ma fehemx ix-xufier u x-xufier beda jsir iktar agitat u beda jghid certu kliem fosthom is-segwenti, *intom kollha l-istess, intom m'intomx nies.*

Wara xi hin il-persuna Afrikana qam u qaghad fil-post fejn qabel kien hemm il-mara Maltija bilwieqfa, allura gie wara s-*seat* tax-xufier. Imbaghad ra haga li kienet stramba kien li dan ix-xufier beda

jghid lil dak ir-ragel ta’ karnagjon skur biex dak joqghod bilqieghda meta fil-fatt ftit qabel beda jghid lil dak ir-ragel biex joqghod bilwieqfa. Qal dak ir-ragel ta’ karnagjon skur deher qisu intimidat u ma rreagixxa xejn. Iktar ma beda jghaddi zmien, aktar ix-xufier beda jsir agitat. Hin minnhom imbaghad anki qam battibekk bejn ix-xufier u passigiera Maltija u mbaghad ix-xufier beda jghid diskors fil-konfront ta’ dawk l-Afrikani li dawk ma *humiex nies u li huma slavag*. Hin minnhom meta kienu qeghdin weqfin fit-traffiku qabel t-*traffic lights* tal-Msida, ix-xufier qam minn postu u beda jimbotta lil dak ir-ragel Afrikan u mbottah bicca sewwa. Imbaghad ix-xufier pogga bilqieghda, saqu ftit iehor u fil-bidu ta’ Regional Road kien hemm Pulizija tat-traffiku, ix-xufier nizel jigri mix-xarabank u mar ikellem lill-Pulizija tat-traffiku.

Imbaghad ix-xufier rega’ tela’, saqu ftit iehor u f’daqqa wahda x-xufier waqqaf quddiem l-Ghassa tal-Msida u l-Afrikani nizlu mieghu. Kienet nizlet ukoll it-tfajla Maltija u hu nizel ukoll ghaliex hu kien behsiebu li kieku x-xufier ma kienx se jwaqqaf, kien kif jasal il-Belt imur jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

Kif dahat l-ghassa huwa ta lill-Pulizija l-*particulars* tieghu. Spjega li l-Pulizija mbaghad ikkalmaw is-sitwazzjoni u x-xufier hareg biex ikompli bil-vjagg tieghu. Huwa kkonferma li meta kien qieghed l-Ghassa tal-Msida kien hemm ukoll ix-xufier ta’ dik ix-xarabank li

kien qieghed isuq, kien hemm ukoll dik it-tfajla Maltija u kien hemm ukoll l-koppja Afrikani bit-tarbija taghhom.

Illi nhar l-1 ta' Dicembru, 2010 xehed bil-lingwa Ingliza **Teklay Deres Tesfamariam** li giet tradotta ghal-lingwa Maltija fejn spjega li huwa flimkien ma' martu rikbu l-karozza tal-linja mill-Imsida u lix-xufier tawh hames (5) Ewro. Ix-xufier kien l-akkuzat prezenti fl-Awla li huwa gharaf. Ftakar li x-xufier qal xi ftit kliem hazin u tah l-bqija f'muniti. Huwa rema' l-hames (5) Ewro li hu tah. L-akkuzat tkellem bil-Malti u hu ma jifhimx il-lingwa Maltija. Huwa hallas lill-akkuzat u nduna li kien qal kliem hazin. Wara dak persuna ohra telghet fuq il-karozza tal-linja u x-xufier qallu biex iqum biex postu jtih lil xi hadd iehor. Mistoqsi ghalfejn ix-xufier ghamel hekk qal illi ma jafx. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-persuna li telghet fuq il-karozza tal-linja kienx ragel anzjan, qal li ma kienx. Qal illi l-persuna li telghet fuq tal-linja ma kienx ragel imma kienet mara ta' xi hamsa u tletin (35) jew erbghin (40) sena. Huwa qam u ta postu lil din il-mara li ma rieditx dak il-post u qaltlu biex izommu hu. Imbaghad meta qam bilwieqfa x-xufier qallu biex jidhol il-gewwa fil-karozza. Huwa messu fuq spalltu u kien hemm mara Maltija li rikbet fuq tal-linja li kellmithom bil-Malti u hu ma fehmiex. Hija ma kellmitx lilu imma kellmet lix-xufier u x-xufier beda jargumenta ma' dik il-mara. Dik il-mara Maltija qaltlu biex imur l-Ghassa tal-Pulizija biex jaghmel rapport. Hija ma wegghetx f'dak l-incident. Kull ma ghamlu kien biss li tkellmu. Hija ma fehmitx ezattament x'kien qieghed jghid l-akkuzat ghax hu kien qieghed jitkellem bil-Malti. Iva dik kienet il-verita'.

Mistoqsi jekk qabel ma rikeb il-karozza tal-linja hu kienx ma' martu u t-tarbija, qal iva hekk kien. Il-bicca l-kbira tas-*seats* tal-karozza tal-linja kienu vojta u allura mhux vera li kien hemm hafna nies bilwieqfa. Dik mhux vera. Hu ma rax nies bilwieqfa imma ra *seats* vojta. Huwa ma semghax lix-xufier jghidlu biex jirkeb karozza tal-linja ohra ghax kien hemm hafna nies bilwieqfa. Hu kien qieghed izomm il-*pushchair* tat-tarbija u allura dik kienet ma' genbu. Hu zammha f'idu.

Illi nhar il-10 ta' Lulju, 2012 xehed l-imputat **Antoine Agius** minn jeddu u b'mod volontarju fejn ikkonferma l-kontenut kollu tal-istqarrija tieghu li tinsab esebita fl-atti ta' dik il-kawza bhala Dok. JM 4 u fiha erba' (4) faccati u hu kkonferma l-kontenut kollu taghha.

F'din l-istqarrija li ttiehdet a tempo vergine tal-investigazzjoni tal-incident l-imputat kien ikkonferma li kien hu li kien qed isuq ix-xarabank lejn il-Belt u appena wasal hdejn l-Ghajn tal-Hasselin l-Msida fuq il-*bus stop* kien hemm familja ta' karnaggjon skur b'tarbija f'idejhom u dan qalilhom " *can you wait for another two minutes because it is full up for the baby*." Qal li huwa qalilhom hekk ghaliex it-trakk tieghu kien mimli u kien niezel trakk fejn kienu jkunu aktar komdi. Dak il-hin kien hemm hafna traffiku u huwa saq 'l quddiem izda cioe' nonostatne xorta telghu fuq ix-xarabank tieghu u r-ragel mar hdejh biex ihallsu permezz ta' karta ta' hames Euro. Spjega li kien hemm mara li qamet ghall-mara tieghu u huwa

baqa' bil-wieqfa jzomm mad-dahar tas-*seat* tieghu. Qal li dan ir-ragel beda jtih l-iskossi jzomm mieghu u ma setax ikompli jsuq . Sa dak il-hin kien hemm ragel li qam u nizel u ghalhekk kien hemm post vojt u talbu jpoggi bilqieghda. Jghid li dan ma kkalkulahx u ghalhekk waqqaf ix-xarabank u dar ikellmu ghal darb'ohra. Dan ir-ragel baqa' fejn kien u ghalhekk staqsih jekk jitkellimx u jifhimx bl-Ingliz u huwa fehem li ma jafx jikkomunika bil- lingwa Ingliza.

Huwa rega' beda jsuq u meta waslu hdejn il-*lights* rega' waqaf u nehhilu idejh minn mas-*seat* tieghu u talbu biex jersaq lura ghaliex ma setax isuq bih hemm. Dak il-hin nghid li kien hemm mara li qaltlu li kien ser idum jaggredihom u huwa wegibhom li hu ma jafx ikellimhom bil-lingwa taghhom ghax ma jafx skola pero' jekk kien razzist ma kienx itellaghhom fl-ewwel lok u mhux li tellaghhom meta it-trakk kien gja mimli. Dak il-hin beda jargumenta ma' din il-mara ghax qaltlu lil kienet ser tirraportah u ghajritu zibel u qallha li zibel ma tghidlux ghaliex kien *driver* u hi tahdem il-Qorti. Huwa mexa u nizel hdejn l-Ghassa tal-Pulizija sabiex jirraporta dak li kien gara. Il-mara nizlet mieghu. Huwa ma setghax jibqa' hemm ghaliex kellu jkompli bil-vjagg. Jghid pero' li meta lesta mill-vjagg rega' mar l-Ghassa u qal lill-Pulizija li f'kaz li naqas lil din il-mara kien lest li jiskuza ruhu maghha dak il-hin stess.

Mistoqsi jekk issupervjax meta ta l-bqija lill-imputat tal-hames Euro (Euro 5) jghid li le zammlu idejh biex il-bqija ma taqax pero' fl-ebda hin ma kien aggressiv mieghu.

Il-Qorti rat li fit-13 ta' Jannar, 2013 kienet saret it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti diversament preseduta pero' ma nghatat l-ebda sentenza minnha.

Din il-kawza fost diversi kawzi ohra giet assenjata lil din il-Qorti b'digriet tas-Sinorija Tieghu l-Prim Imhallef datat 21 ta April, 2014 u minnufih din il-Qorti kif preseduta appuntat dan il-kaz ghas-smiegh ghal nhar il-5 ta Mejju, 2014.

Illi dakinhar deher l-imputat assisti mill-avukat difensur tieghu kif ukoll il-prosekuzzjoni li ezentaw lill-Qorti mill-htiega li terga' tisma' il-kaz mill-gdid u rremettu ruhhom ghall-atti processwali u talbu li din il-Qorti tghati s-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti hawnhekk thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta'

Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Peter Ebejer</u>** rigward xi prova trid tressaq il-Prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi taghha.

*"Ta min ifakkar li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni li mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda <u>ombra</u> ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u> u bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni."*

Kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Paul Farrugia</u>** mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta ta' Marzu, 2000, huwa dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat, u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant.

Issa l-imputat principalment gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 82A tal-Kodici Kriminali** li gie ntrodott permezz tal-Avviz 407/2007. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*"Kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesebixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta'theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibegħda kontra xi persuna oħra jew grupp ta'persuni fuq bażi ta'ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbilità li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali".*

Illi mela l-qofol ta' din l-akkuza bhala fatti hija li l-imputat kellu l-hsieb li jqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk johloq il-probabbilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali.

Illi hawnhekk m'ghandhiex il-kaz fejn l-imputat kiteb jew stampa xi haga fejn allegatament qajjem mibgheda razzjali pero' il-prosekuzzjoni akkuzatu li bl-agir tieghu meta kellem lill-koppja Tesfamariam huwa kien aggressiv, abbusiv u insolenti u b'hekk gab ruhu b'dak il-mod bil-hsieb li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha titqajjem mibeghda razzjali.

Il-prosekuzzjoni ma resqitx lill-mara ta' Teklay Deres Tesfamariam tixhed sabiex tikkorobora dak li qal zewgha fir-rigward tal-incident. Strahet biss fuq ix-xhieda ta' Teklay Deres Tesfamariam, Dr. Yanika

Bugeja u ta' certu Antoine Vella li lanqas ma gharaf lill-imputat fl-Awla. Illi mill-provi prodotti din il-Qorti temmen li l-imputat seta' kien ftit agressiv mal-imputat u dan wara li ttenta jkellmu diversi drabi u ma rnexxilux jikkomunika mieghu pero' fil-fehma taghha dan l-agir tieghu ma kienx dirett lejn il-fatt li l-kwerelant ghandu l-karnagjon skura izda ghall-fatt li tali persuna ma kinitx qed tobdih fl-ordnijiet li kienet qed ittih. Issa jekk ir-raguni kinitx ghaliex is-Sur Teklay Deres Tesfamariam ma jitkellimx jew ma jifhimx l-Ingliz jew ghaliex dehrlu li ma kellux jaghti kasu hija haga totalment indipendenti mill-akkuza ta' razzismu li nghatat fil-konfront tieghu. Hadd mix-xhieda ma qal li l-imputat f'xin hin ghajru minhabba l-kulur tal-gilda tieghu, jew minhabba r-religjon tieghu u minhabba l-kultura tieghu. Irrizulta biss li kien hemm battibek mieghu ghaliex ma xtaqux jirkeb fuq ix-xarabank li kien qed isuq ghaliex il-mara tieghu kellha *baby* f'idejha u kien hemm xarabank li kienet ser tasal ftit minuti wara li kienet vojta.

Illi minn imkien ma jirrizulta li l-intenzjoni tal-imputat li kienet wahda li toffendi s-sentiment ta' Teklay Deres Tesfamariam minhabba li ghandu karnagjon differenti. Tant hu hekk li meta ra li l-kwisjtoni kienet qed tishonn kien hu stess li waqqaf ix-xarabank u mar jitlob l-ghajnuna tal-pulizija. Fil-fehma tal-Qorti din kienet kwistjoni ta' *misunderstanding* li kif jghidu l-Inglizi awmentat fi "*a storm in a tea cup*". Aktar jidher li l-litigju kien bejn l-imputat u Dr. Yanika Bugeja u li kienu huma t-tnejn l-aktar li tlewmu. Fil-fatt ftit li xejn jirrizulta li l-imputat tkellem mal-mara ta' Teklay Deres Tesfamariam u fl-ebda hin ma tkellem ma' Teklay Deres

Tesfamariam sabiex jikkoregih jew ahjar sabiex jigwidah fejn ghandu jpoggi jew joqghod fuq ix-xarabank tieghu.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din l-akkuza.

Fit-tieni kaz l-imputat gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif disposta fil-kodici penali **Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

*"talli għamel lil ħaddieħor f'dan il-kaz lil Dr. Yanika Bugeja nġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni."*

Issa f'dan il-kaz nhar il-5 ta' Novembru, 2010 kienet dehret Dr. Yanika Bugeja l-Qorti u rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u ghalhekk din il-Qorti ser tastejni milli tiehu konjizzjoni ta' tali akkuza.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-**Artikolu 82A u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u**

**tilliberah minnha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante r-rinunzja da parti tal-kwerelanti.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------